ĠIMAGĦTEJN
MA'
ĠEMMA

ĠIMAGĦTEJN MA' ĠEMMA

Publikazzjoni diġitali - 2021

© Drittijiet tal-kitba:
ĠEMMA

Miktub minn:
Ramona Attard

© Drittijiet tal-edizzjoni:
Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-drittijiet tat-Tfal.
310, Republic Street, Valletta, Malta

Produzzjoni tal-ktieb:
ArtHouse Design Studio

Disinn u illustazzjonijiet:
Robert Caruana

Il-jeddijiet tal-pubblikazzjoni huma miżmuma mill-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-drittijiet tat-Tfal. Dan il-ktieb huwa ippublikat online b'xejn, ma jistax jinbiegħ u ma jista' jsir l-ebda tibdil fil-kitba, disinn, jew illustrazzjonijiet.

www.gemma.gov.mt

ĠEMMA
know, plan, act

MINISTERU GĦALL-FAMILJA,
DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Iż-żunżana ddur iddur ... le, mhux fuq il-bejt tal-kaċċatur, iżda fil-klassi tar-raba' sena primarja, eżattament fil-gżira tat-tliet għoljiet.

Marija bdiet twerżaq hekk kif din l-imbierka naħla bdiet iddur fuq rasha! L-għalliema dlonk ħarset biex tara x'ġara. B'leħen sod qaltilhom biex ħadd ma jippanikja. Iċċekkjat li t-twieqi kienu kollha miftuħin u ordnatilhom biex kulħadd jibqa' f'postu.

Wara biss żewġ minuti, it-tfal infexxew iċapċpu għax kien irnexxielha toħroġha u Marija ħadet ir-ruħ.

L-għalliema, Ms Rebecca, iddeċidiet li tagħti sorpriża lill-istudenti tagħha billi tistieden lil ĠEMMA. Żgur li qed tistaqsu lilkom infuskom: "ĠEMMA min hi? Ħa naqtgħalkom il-kurżità ... ĠEMMA hija naħla li titkellem u tgħallem lit-tfal fuq il-kapaċità finanzjarja."

Dan kien is-suġġett li kien imiss jitgħallmu fuqu fil-matematika; allura ĠEMMA kienet il-karattru ideali. Lit-tfal qaltilhom li nhar it-Tnejn kien ġej xi ħadd speċjali jagħmlilhom il-lezzjoni u tgħidx kemm kienu eċitati!

It-Tnejn filgħodu, hekk kif daqqu d-disgħa, l-istudenti kienu ssetiljaw. F'daqqa waħda ħabbat il-bieb tal-klassi. Wiċċhom xegħel xħin raw lil ĠEMMA! Kellha tbissima kbira fuq fommha li ġġiegħlek titbissmilha lura.

Wara li introduċiet lilha nnifisha, staqsiet lil kull tifel u tifla x'jisimhom u biex jgħidu xi ħaġa dwarhom, ħalli ssir tafhom ftit. Qaltilhom li hi kienet se żżurhom għal ġimagħtejn u tgħallimhom xi ħaġa differenti. Lill-istudenti barranin, Ms Rebecca kienet se tispjegalhom kollox bl-Ingliż.

ĠEMMA tħaddan valuri sodi bħall-inklużjoni u d-diversità; allura kienet staqsiet lil Ms Rebecca biex tagħtiha l-lista tal-istudenti u tara minn liema pajjiż ġejjin. B'kollox kien hemm sittax-il student fil-klassi. Tnejn minnhom kienu Ingliżi, tnejn oħra Taljani, u saħansitra kien hemm student mill-Kambodja u oħra mill-Awstralja.

Ms Rebecca qaltilha li l-klassi tagħha hija waħda inklussiva u jiċċelebraw id-diversità. Ta' kull ġimgħa jagħmlu proġett żgħir biex jitgħallmu fuq pajjiżi oħra.

ĠEMMA spjegat lit-tfal li l-ewwel lezzjoni kienet se tkun fuq il-flus. Mhux kulħadd kien jaf li l-munita ta' Malta hija l-ewro peress li hemm studenti li kienu jgħixu 'l barra mill-Ewropa. Bdiet turihom preżentazzjoni.

Malta kellha l-lira Maltija sal-2007. Fl-2008, Malta qalbet għall-ewro peress li hi membru tal-Unjoni Ewropea. Hemm tmintax-il pajjiż ieħor fl-Ewropa li jużaw dawn il-flus. Ava, l-istudenta Awstraljana, m'ilhiex li waslet Malta u interessat ruħha ferm.

Fuq l-bord interattiv kien hemm miktub hekk:

Il-muniti u l-karti tal-ewro.

Hemm tmien muniti tal-ewro. Dawn huma:

ĠEMMA tat sett muniti tal-plastik lil kull student biex dawn ikunu jistgħu jarawhom.

Karti tal-ewro hemm sebgħa:

Ms Rebecca għenet lil ĠEMMA tqassam il-karti tal-ewro lit-tfal. Dawn innutaw id-daqs u l-kuluri differenti, fost affarijiet oħra.

It-Tlieta, fid-disgħa preċiż, ĠEMMA daħlet fil-klassi. "Bonġu tfal, kif intom? Illum se nitgħallmu dwar l-ibbaġitjar. Min jaf jgħidli xi tfisser?"

Lucas għolla subgħajh u ĠEMMA qaltlu li jista' jitkellem. "Il-mamà qaltli biex inġemma' l-flus ħalli nkun nista' nixtri rota ġdida."

"Prosit! Tajjeb wisq Lucas. Inti qiegħed tibbaġitja."

"Hawn xi ħadd ieħor li jixtieq jgħid xi ħaġa?"

Ħadd ma reġa' għolla subgħajh; allura ĠEMMA ddeċidiet li tibda bil-lezzjoni tal-ġurnata.

"Naf li intom taqilgħu xi pocket money jew xi flus bħala rigal għal għeluq sninkom jew inkella tkunu għentu lin-nanniet f'xi biċċa xogħol."

"Mil-lum tridu tibdew tibbaġitjaw. Fuq pitazz jew djarju, iktbu kemm għandkom flus u x'tixtiequ tagħmlu bihom. Nissuġġerilkom biex tonfquhom fuq l-affarijiet li huma l-aktar importanti għalikom."

"Tfal, il-ġenituri jew dawk li jieħdu ħsiebkom, imorru għax-xogħol biex jaqilgħu l-flus. Il-paga tidħol darba fix-xahar. Bil-flus tixtri l-affarijiet li jkollok bżonn, pereżempju ikel u ħwejjeġ. Ma tridx tinsa li trid tħallas il-kontijiet. Forsi trid iġġemma' xi ħaġa tal-flus bħal Lucas biex tixtri xi ħaġa speċjali jew inkella biex issiefer."

"L-ibbaġitjar huwa pjan ta' kif inti se tonfoq il-flus tiegħek b'mod għaqli mingħajr ma tonfoq iktar milli għandek," kompliet tgħidilhom ĠEMMA.

"Tfal, nixtieqkom taħsbu wkoll fejn se tpoġġuhom il-flus. Ġo xi karus id-dar jew se teħduhom il-bank? Inkomplu bil-lezzjoni għada," spiċċat ĠEMMA.

L-Erbgħa filgħodu, ĠEMMA daħlet b'żewġ basktijiet sofor kbar f'idejha. L-istudenti mill-ewwel staqsewha x'hemm fihom, iżda ĠEMMA weġbithom, "Illum, kull min joqgħod attent, għandi rigal għalih." Ħadd ma qal kelm'oħra u kulħadd kien ħerqan għas-sorpriża!

"Fil-lezzjoni tal-lum se nitgħallmu kif tiffranka u ġġemma' l-flus. Min jaf jgħidilna x'jiġifieri tiffranka?", staqsiethom ĠEMMA.

Rio qal, "Tiffranka l-flus meta toqgħod attent biex ma tixtrix affarijiet bla bżonn." "Risposta perfetta, Rio!", weġbitu ĠEMMA.

"Issa, min jixtieq jgħidilna kif iġġemma' l-flus?", reġgħet staqsiethom ĠEMMA.

"Iġġemma' l-flus ġo karus jew il-bank kif għidtilna lbieraħ inti qabel tlaqt", qalet Marija bi tbissima kbira.

"Prosit tassew talli ftakart! Kif qalu eżattament Rio u Marija, niffrankaw u nġemmgħu l-flus billi noqogħdu attenti x'nixtru u x'nagħmlu bihom il-flus."

"Ħa ngħidilkom xi eżempji kif tistgħu

tiffrankaw. Meta mmorru nixtru l-ikel, niktbu lista u nżommu magħha ħalli ma nixtrux prodotti bla bżonn."

"Meta tkunu qed taħslu snienkom, tħallux l-ilma nieżel il-ħin kollu biex tiffrankaw l-ilma."

"Meta ma tkunux qegħdin ġo kamra, tħallux id-dawl mixgħul għalxejn, biex tiffrankaw id-dawl. Apparti minn hekk tkunu qed tiffrankaw biex il-kont tad-dawl u l-ilma ma jiġix għoli."

"Kulħadd qiegħed attent; allura wasal il-waqt tas-sorpriża." ĠEMMA ġabet il-basktijiet u ħarġet karus forma ta' naħla. Qassmet wieħed lil kulħadd. L-istudenti tgħidx kemm ferħu!

"Issa mlewh kollu biex iġġemmgħu l-flus", ikkonkludiet ĠEMMA.

Il-Ħamis, ĠEMMA daħlet fil-klassi u bdiet il-lezzjoni billi wriethom filmat qasir ta' sitt minuti fuq l-immaniġġjar tad-dejn.

ĠEMMA kompliet tispjega, "Id-dejn hu meta xi ħadd ikollu jagħti l-flus lil xi ħadd ieħor u ma jkunx baqagħlu flus; allura ma jkollux x'jagħtih."

"Jeżisti wkoll tip ta' dejn ieħor. Min pereżempju jkun irid jixtri dar, u ma jkollux flus biżżejjed, imur l-bank u jissellef il-flus. B'hekk, dik il-persuna trid tħallas lura lill-bank".

"Allura xi trid tagħmel biex timmaniġja d-dejn?", staqsiet Doris.

"Bħalma diġà tgħallimna, importanti li tibbaġitjaw tajjeb. Jekk għal xi raġuni jew oħra tispiċċaw bid-dejn, tridu tiktbu kemm għandkom flus f'idejkom u kemm għandkom dejn. Ibbaġitja l-flus tajjeb billi bil-flus li għandek tħallas id-dejn u l-bqija tixtri l-affarijiet li jkollok bżonn", fehmithom ĠEMMA.

"Biex tipprattikaw, Ms Rebecca u jien se naqsmukom fi gruppi u se tilagħbu logħba fuq il-kompjuter."

L-għada, il-Ġimgħa, it-temp kien xemxi u ĠEMMA daħlet fil-klassi mal-ħin. "Bonġu tfal. Kif intom? Illum se nitgħallmu kif tipprepara u tibni fond ta' flus għal meta tinqala' xi ħaġa."

"Tafu li tista' tinqala' emerġenza u jkollkom bżonn il-flus? F'dan il-każ huwa tajjeb li tkun ġemmajt minn qabel. Biex tkun tista' tagħmel dan, trid tipprepara. L-aħjar li tiftaħ kont il-bank, f'ismek, u ddaħħal xi flus kull xahar," spjegat ĠEMMA.

"Peress li dan il-fond ta' flus ikun l-bank, inti ma tkunx tista' tmisshom u tonfoqhom, iżda tkun taf li qegħdin hemm. Iktar ma jgħaddi ż-żmien, il-flus iktar jiżdiedu. Kun ċert li dejjem iżżid magħhom ... l-aħjar kif għidtilkom kull xahar, mill-flus li tkunu ġemmajtu".

"Importanti li titkellmu mal-ġenituri jew ma' dawk li jieħdu ħsiebkom fuq il-flus. Staqsu fejn ma tifhmux, jew jekk ikollkom il-kurżità fuq xi ħaġa," kompliet tgħidilhom.

"Għal tmiem il-ġimgħa, se nagħtikom ftit xogħol għad-dar. Żgur li mhux se tiddejqu tagħmluh. Nixtieqkom tieqfu ftit u taħsbu fil-futur. X'tixtiequ ssiru la tikbru? Kif qed tippjana li tkun ħajtek fil-futur? Taħseb li jekk iġġemma' l-flus huwa importanti għall-futur?"

"Se nqassmilkom karta u fuqha għandkom issibu l-informazzjoni kollha li għandkom bżonn. Tistgħu tiktbu jew tpinġu. Frederick staqsieha, "Nistgħu nsibu stampi u nwaħħluhom flok inpinġu?"

"Iva, tistgħu. Kunu kreattivi kemm tridu ... l-importanti li twasslu l-messaġġ," qaltlu ĠEMMA bi tbissima.

ĠEMMA kienet qed tieħu gost tgħallem lill-istudenti ta' dil-klassi. Kienu tassew bravi u jinteressaw ruħhom. It-Tnejn filgħodu wasal ukoll. It-tfal issa kienu drawha u kienu qed jistennewha.

Ħerqana, daħlet fil-klassi u ħadet gost li Ms Rebecca kienet diġà ġabret ix-xogħol tal-istudenti. Kien hemm min anki tefa' ritratti tiegħu liebes il-kostum tal-karnival biex juriha x'jixtieq isir la jikber. Kulħadd ħa gost jagħmlu mid-dehra.

"Filwaqt li qed nara x-xogħol tagħkom, ninduna kemm ħadtuh bis-serjetà," faħħrithom ĠEMMA.

"L-ippjanar għall-futur huwa ċ-ċavetta tas-suċċess għalikom. Jekk tkunu bil-għaqal u tippjanaw sew, il-ħolm tagħkom isir realtà u jirnexxilkom tiksbu dak kollu li tixtiequ. Dan jgħodd għal kull qasam tal-ħajja ... anki għall-flus."

Żiedet tgħidilhom, "Qed nara li numru kbir ta' studenti jixtiequ jixtru karozza fil-futur, filwaqt li oħrajn jixtiequ jixtru dar. Jekk tibbaġitjaw, tiffrankaw u ġġemmgħu jirnexxilkom tagħmlu dan. La tikbru tibdew taħdmu u taqilgħu l-paga. Tinsewx il-fondi tal-flus li jkollkom il-bank."

Sebaħ jum ġdid. Illum it-Tlieta, imma għadhom ma daqqux id-disgħa. ĠEMMA diġà qiegħda l-iskola titkellem ma' Ms Rebecca biex jiftiehmu dwar il-lezzjoni tal-ġurnata.

ĠEMMA wriethom filmat qasir fuq l-investiment bażiku. "Tiftakru kont semmejtilkom il-bżonn li tiftħu kont il-bank? Dak huwa l-kont tat-tfaddil li l-għan tiegħu hu sabiex iġġemmgħu l-flus. Iktar ma ġġemmgħu flus, il-bank iktar jagħtikom interessi fuqhom, jiġifieri flus. Dan ifisser li qed tinvesti flusek tajjeb għax qed taqla' iktar flus."

"Min jaf jispjegali x'inhu investiment bażiku?", staqsiethom ĠEMMA. Għall-ewwel ħadd ma tkellem. Ms Rebecca ħeġġithom biex jitkellmu. ĠEMMA qablet magħha. Wara ftit sekondi, Sophia wieġbet hekk, "Naħseb li investiment bażiku huwa meta inti tuża l-flus tiegħek biex toħloq aktar flus."

"Tweġiba tajba, Sophia. Mela naħseb li ftehemna."

"Illum se nerġgħu ninqasmu fi gruppi t'erbgħa u se nilagħbu l-logħba popolari Monopoly Malta," qaltilhom bi tbissima.

L-istudenti tgħidx kemm ħadu gost b'din l-aħbar! Kien hemm min qatt ma kien lagħab din il-logħba. ĠEMMA qaltilhom li se tispjegalhom ir-regoli. Lill-istudenti barranin qaltilhom ma jinkwetawx għax hemm kollox miktub bl-Ingliż wkoll.

Apparti li kienu se jużaw il-matematika biex jixtru u jbigħu d-djar u l-lukandi, l-istudenti kienu sa jimmaniġjaw il-flus kif ukoll kienu se jiġu mistoqsija fuq il-kultura lokali u t-tradizzjonijiet Maltin. Il-bankiera kienet Ms Rebecca. L-istudenti ma xebgħux jilagħbu din il-logħba!

L-Erbgħa filgħodu, ĠEMMA ppreparat lezzjoni fuq id-drittijiet bażiċi tal-konsumatur. L-ewwel mistoqsija li staqsiet kienet, "Min jaf xi tfisser il-kelma 'konsumatur'?"

Christa donnha kienet taf ir-risposta għax mill-ewwel xtaqet titkellem hi. "Konsumatur huwa l-persuna li tixtri xi ħaġa; jista' jkun ukoll servizz."

"Brava Christa! Prosit tassew," weġbitha ĠEMMA. "Fl-Istudji Soċjali naħseb li tgħallimtu fuq id-drittijiet u d-dmirijiet. Christa, taf tagħtini xi eżempju ta' dritt?"

"Iva, jien għandi d-dritt li nitgħallem."

"Tajjeb ħafna. Id-drittijiet bażiċi tal-konsumatur huma li meta tixtri prodott jew servizz, inti jkollok dritt għall-informazzjoni, is-sigurtà, l-għażla u l-kumpens."

"Ftakru li l-bejjiegħ, jiġifieri dik il-persuna li tkunu se tixtru mingħandha, hija obbligata li lill-konsumatur tagħtih informazzjoni ċara. Fost din l-informazzjoni, il-konsumatur irid ikun jaf eżattament fiex jikkonsisti l-prodott jew is-servizz, il-prezz u jekk għandux garanzija."

"Tajjeb ukoll li tkunu tafu li jekk tixtru xi ħaġa mill-internet, dejjem iċċekkjaw li tixtru minn sit sigur."

"Biex xi ħadd jagħmel dan, fuq l-iskrin fittex simbolu żgħir bil-katnazz u jekk tagħfas fuqu, taraw id-dettalji tas-sigurtà tas-sit."

"Ix-xiri bl-internet huwa komdu għax issib għażla vasta ta' prodotti u servizzi. Meta tiġu biex tħallsu, dejjem kellmu lil xi adult. Jekk ma tirċevix il-prodott fi żmien 30 ġurnata, għandek id-dritt li tingħata l-flus lura. Jekk tirċievi l-oġġett u jkun difettuż, għandek id-dritt li tagħżel li tingħata l-flus lura jew jibagħtulek oġġett ieħor floku."

Il-Ħamis, ĠEMMA lill-istudenti qaltilhom, "Nispera li ħadtu gost bil-lezzjonijiet tiegħi għax verament kontu attenti. Jien ħadt gost ħafna ngħallimkom! Illum se nerġgħu naħdmu fi gruppi u nixtieq li niktbu poeżija flimkien fuq dak kollu li tgħallimna."

"Din il-poeżija se tkun importanti għax is-surmast qalli li għada filgħodu waqt l-assembly intom se taqrawha lit-tfal kollha ħalli huma wkoll jitgħallmu dak li tgħallimtu intom."

Din il-poeżija edukattiva qed niktbulek
Għażiż/a student/a, biex lilek infissrulek
Dwar il-kapaċità finanzjarja
Immirati għat-tfal tal-primarja.

Nissuġġerulek li minn età żgħira jkollok karus
Ara kif tiffranka, ġemma' u fih itfa' l-flus
Tinsiex l-importanza tal-ibbaġitjar
Jekk tiftaħ kont il-bank ikun ħafna aħjar.

Qatt tonfoq aktar flus milli jkollok għax tispiċċa bid-dejn
Aħna tgħallimna ħafna f'dawn il-ġimagħtejn
Ipprepara u ibni fond ta' flus għal xi emerġenza
Dejjem żomm bil-miktub bħala referenza.

Investi f'kont tat-tfaddil u kull xahar itfa' l-flus
Żgur li tkun qed taħseb bħal wieħed ġenjuż!
Għall-ħajja sana jaqbillek tippjana għall-futur
Jekk tagħmel hekk, tkun l-aqwa edukatur.

Onfoq flusek bil-għaqal u bħala konsumatur
Dejjem ikkonsulta ma' xi ġenitur
Speċjalment jekk tixtri minn fuq l-internet
Kun af id-drittijiet tiegħek, fl-aħħar nett.

Is-sorpriżi ma waqfux! ĠEMMA qaltilhom li l-poeżija
li kitbu tant intgħoġbot li se tiġi ppubblikata fir-rivista tal-iskola.

www.gemma.gov.mt